

It-Tlieta 5 ta' Ottubru 2021

P9_TA(2021)0399

**Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, Greenland u d-Danimarka

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (06566/2021 – C9-0154/2021 – 2021/0037(NLE))

(Approvazzjoni)

(2022/C 132/21)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (06566/2021),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (06380/2021),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 43(2), l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a)(v), u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C9-0073/2020),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni mhux leġislattiva tiegħu tal-5 ta' Ottubru 2021 ⁽¹⁾ dwar l-abbozz ta' deċiżjoni,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 105(1) u (4) u l-Artikolu 114(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0233/2021),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim u tal-protokoll;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, u ta' Greenland u d-Danimarka.

⁽¹⁾ Testi adottati, P9_TA(2021)0400.